




# Tifkira Storika f'Għeluq il-50 Sena mit-Twaqqif tal-Parroċċa

*Hosè Borg*

Għal din is-sena ħassejt li għandi nikteb, bħalma ġieli għamilt f'kitbiet oħra, b'rabta mal-Marsa stess u proprju xtaqt nitfa' dawl fuq tifkira storika minn fost bosta tifkiriet li seħħew fl-okkażjoni tal-50 sena anniversarju mit-twaqqif tal-parroċċa lura fis-sena 1963.

Dawn is-santi kbar li kienu nħarġu u saru mill-kappillan ta' dak iż-żmien patri Donat Spiteri li kien mill-Marsa stess, jirrappreżentaw xena tassew mill-isbaħ, b'dekorazzjoni mill-ifjen u b'diversi simboli sinifikanti. Fiċ-ċentru naraw replika tal-kwadru titulari li kien sar mill-artist Lazzru Pisani fl-1910 filwaqt li fl-irkejjen tal-ġnub l-iskudetti jissimbolizzaw l-arma tal-benefatturi tal-knisja Maria Carmela u l-Kav. Lorenzo Balbi u




*Id-Disinn oriġinali tas-Santi l-kbar*

l-arma tat-tmexxija tal-knisja fi ħdan il-patrijiet Kapuċċini. Taħt dawn l-iskudetti jidhru anki żewġ Papiet, wieħed fuq kull naħa: Papa Piju X u Papa Ġwanni XXIII. Piju X kien il-Papa li fi żmienu twaqqfet il-parroċċa tal-Marsa filwaqt li Ġwanni XXIII kien il-Papa li kien qed imexxi l-knisja f'dak iż-żmien li kienu qed jiġu ċċelebrati l-festi tal-50 sena. Inċidentalment, dan l-istess Papa dam f'din il-kariga sa dik is-sena tal-1963. Fl-iskudett ta' isfel naraw l-arma tat-Trinità Qaddisa li tant tperper fuq bosta bnadar u tipi differenti ta' armar fi żmien il-festa tal-Marsa.

Niġu issa għaż-żewġ ritratti t'isfel tax-xellug li juru l-faċċata tal-knisja kif ukoll parti sewwa minn Triq Balbi. F'kuntrast mas-sitwazzjoni preżenti jispikka l-kwiet u n-nuqqas ta' traffiku filwaqt li d-dehra tal-knisja biz-zuntier bil-balavostri għadha kif nafuha llum. Ir-ritratt l-ieħor juri l-knisja kif kienet tkun armata għall-festa fl-imgħoddi. Għalkemm ma jidhrux wisq differenzi minn kif tintrama llum, nistgħu naraw il-pulptu li kien għadu jintuża f'dawk iż-żminijiet u li sfortunatament, għal xi raġuni jew oħra, kellu jitneħħa. Hija ħasra għaliex minbarra li l-pulptu huwa mezz b'saħħtu ta' kif il-knisja twassal il-messaġġ tagħha minn fuqu, jispikka ferm ix-xogħol sabiħ li kellu fl-injam, bis-saqajn skulturati u bil-panewijiet rikki bid-dekorazzjoni.

Wieħed ma jistax ma jinnutax anki f'din is-santa kemm il-kuluri użati bl-aħdar turkważ, l-oranġjo u l-isfar ħolqu tassew kuntrast sabiħ mal-kumplament tal-armi u r-ritratti murija fiha. Hija tifkira li żgur tqanqal nostalġija kbira fost il-Marsin li jiftakru ż-żminijiet ta' dawk il-festi li kienu saru kif ukoll is-sens ta' devozzjoni lejn il-qofol tat-twemmin tagħna f'Alla wieħed fi Tliet Persuni.